MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2015

Numru. 60/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Vincenzo Cardaropoli**
**Salvatore Serio**

Illum 22 ta' Awwissu 2015

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Vincenzo Cardaropoli**, ta' 18-il sena, iben iben Luigi u Rita nee' Ambrosio, mwieled Napoli, Italja, nhar it-10 ta' Dicembru 1996 u residenti Flat 3, Zammit Ciantar Flats, Triq Frank

Debono, M'Forn limiti Zebbug Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AU6405167

U

Salvatore Serio ta' 18 –il sena, iben Vincenzo u Vincenza nee' Russi, mwieled Napoli, Italja, nhar is-19 ta' Marzu 1997 u residenti Flat 3, Zammit Ciantar Flats, Triq Frank Debono, M'Forn limiti Zebbug Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV1065560.

akkuzati talli nhar talli matul ix-xahar ta' Awissu 2015 u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. Ikkomettew serq ta' diversi mobile phones liema serq huwa aggaravat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Javier Busto u diversi persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa u cioe' diversi mobile phones, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellhom fil-pussess taghhom *butterfly knives* liema pussess taghhom huwa projbit taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien sabiex jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ko-operazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija, in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 261 (c)(f), 270, 279 (b), 280, 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Skeda 1 (Artikolu 3) Taqsima II tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28 A 4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetttu reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett snin.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti kollha jintbaghatu lill-Avukat Generali fit-terminu mpost fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------